LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.69

REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (DIKJARAZZJONI DWAR L-ISTAĠUN GĦALL-INSIB) (MALVIZZ)

1 ta' Novembru, 2011

L-AVVIŻ LEGALI 422 tal-2011.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Insib) (Malvizz).

Tifsir.

L.S. 549.42

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-insib tal-għasafar taħt ir-regolament 10(6)(i), (ii) u (iii) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, il-Prim Ministru stabbilixxa:

it-teħid ta' Malvizz jista' jsir bejn l-1 ta' Novembru 2011 u l-10 ta' Jannar 2012.